# Il-Kittieb Trevor Żahra

## minn Emanuel Psaila

Iż-Żejtun huwa raħal tradizzjonali u għalhekk imur lura fis-snin u ma jistax jonqos li minn ġo ġufu joħorġu personalitajiet kbar f'kull qasam tas-soċjetà. U meta qed ngħidu f'kull qasam dan bid-diversità kollha li s-soċjetà Maltija toħloq.

Peress li nħobb inħarbex xi ftit bla ma ridt tfajt għajni fuq dawk iż-Żwieten li ħallew xi ħaġa miktuba u sibt bil-bosta. Imma wkoll bla ma trid iktar tkun familjari ma dawk li taf, ma dawk li huma biex ngħidu hekk ta' żmienek. Ovvjament mhux ser nikteb fuq missieri, anzi minn hawn irrid niskuża ruħi li l-aħħar xogħol tiegħu ilu mwaħħal kważi għaxar snin b'nuqqas kbir tiegħi, u ta' dan nitlob apoloġija pubblika.

Imma dawwart ħarsti fuq Trevor Żahra u dan minħabba bosta raġunijiet li ser nipprova nispjega fil-qosor. Mhux beħsiebni nagħmel bijografija ta' dan il-kittieb Żejtuni għax din diġà għamilha "Fil-Ġenn li Jżommni f'Sikti" u min irid ikun jaf iktar dwaru għandu jidħol fis-sit tiegħu hawn preżenti: www.trevorzahra.com u hawn isib l-istorja ta' ħajtu miktuba u ddettaljati. Minn din il-*webpage* wieħed jista' jinduna u japprezza il-kobor ta' Żahra iktar milli kieku nipprova ngħidu fi kliemi jien.

Biss jien irrid ngħid kif affettwa dan il-kittieb kbir Malti lili. U għalhekk ser nipprova nitkellem dwar il-kobor ta' Żahra u kif dan ħalla influwenza kbira fuqi u kif żviluppat il-mixja tiegħu miegħi matul iż-żmien.

Meta kont ta' età żgħira ħafna, forsi kelli ħdax-il sena, jew ftit ikbar, konna nistennew tal-linja fil-pjazza, ħdejn Margerith tal-gazzetti, u ommi kienet tidħol għandha ġġib ir-rivisti 'The Sea' u 'Widelife' għal missieri. Jien kont nibqa' mbellaħ, ċkejken ġo rokna f'ħanut daqs naqra, nipprova nimraħ u nsib x'jissodisfani. Bħal donnu ommi kienet indunat jien x'irrid u kienet xtratli 'Il-Pulena tad-Deheb', nofs lira Maltija.

Saħħarni.

Żaru l-Għakkar għadu s'issa jippersegwitani. Lino u kuġinuh għadni sal-lum nqishom bħala ħbieb ta' ġewwa. Il-Pulena baqgħet id-deheb kollu li rrid infittex, id-dawl li jispirani. Dan kien l-ewwel wieħed. Warajh ommi xtratli kull ktieb li ħareġ Trevor f'dik l-epoka. Ma nistax ninsa t-tewmin ta' 'Id-Dwal fil-Fortizza' u l-misteru li nħoloq waqt ġbid ta' film. Ma nistax ineħħi minn quddiem għajni 'Wied Strejnu' fil-'Kaxxa taz-Ziju' u t-teżor tal-kavallier. Lanqas ma nista' ninsa lil Qerqni tal-'Qamar Aħdar' li qarraq b'kulħadd jew l-aħwa li solvew il-misteru tal-kuntrabandu ġewwa 'L-Għar tax-Xelter". U xi ngħidu għas-sħarijiet ta' Siko Sao fil-villa tan-nannu Manwel? Wisq iktar bqajt impressjonat b'"Meta Jaqa' ċ-Ċpar" u għadni sal-lum nisma' l-inbiħ ta' Ġira hija u għaddejja fil-ħabs biex tisraq l-imfietaħ taċ-ċella, jew inkella lil Zolli titkellem bid-djalett Żejtuni ħaġa li sa dakinhar kont għadni ma fhimtx. Ma dawn kien hemm iktar, "Kunċett u Marinton" u "In-Nannu Ċens" li ħallew impatt qawwi fuqi.

Illum il-ġurnata nista' forsi nasal għal xi tip ta' konklużjoni. Jien imrobbi ż-Żejtun, l-istess bħal Trevor. U għalhekk bi preżunzjoni ngħid li l-ambjent kollu li ħoloq Żahra huwa dak Żejtuni u b'hekk lili daħħalni fl-ambjent li ried huwa, lili affaxinani, lili ġegħlni mingħajr sforzi nassoċja ruħi mal-ambjent li ħoloq. Ovvjament l-istejjer ukoll kienu ta' ċertu importanza li tħalli qarrej żgħir isegwi u jaqra u jixtarr. L-unika ktieb li ż-Żejtun jissemma' b'ismu huwa "Fuklar Qadim, Bnadar Imċarta.'

Biss l-effett Trevor sa dak iż-żmien kont għadni ma ħassejtux fil-profondità tiegħu, għax kont għadni ma studjatx u ma tgħallimtx x'inhi l-kritika letterarja. U sa dakinhar kont lanqas biss nafu. Imma Żahra baqa' jikteb u din id-darba kotba ta' iktar stoffa letterarja bħal 'Lubien' jew 'Provenz' li qalbuli moħħi ta' taħt fuq u ma fhimt xejn. Imma f'din l-epoka ta' żvilupp kiteb oħrajn li fhimt, li dħakt u oħrajn li xtarrejt. 'Ħdejn in-Nixxiegħa' u 'Taħt il-Weraq tal-Palm' jħalluk konxju ta' sitwazzjoni filwaqt li tomgħod l-iżvilupp li jseħħ matul il-plott. U kif wieħed jista' jinsa 'Is-Surmast' u l-praspar li jagħmel? Xi ngħidu għall-istil ta' 'Ħmistax-il Numru', tal-blieh. Tletin novella kkumbinati flimkien fuq ħmistax-il karattru li jiżvolġu f'rumanz wisq tajjeb. Naraw b'mod qawwi l-adulterju, ir-relazzjoni bejn l-istess sess, l-ipokresija, il-ġakbiniżmu u dak kollu li jinħoloq bejn ħaddiema li jqattgħu flimkien sigħat kbar. Dan il-ktieb kien tajjeb ħafna fi żmienu għax ħareġ l-att teatrali tal-karattri u poġġihom fuq il-palk għad-diskrezzjoni tas-

suġġeritur (il-qarrejja) taħt direzzjoni artistika mill-aqwa li d-direttur tagħha ma kien ħadd ħlief Żahra.

Apparti l-epoka tal-addoloxxenti li kif qed ngħidu faqgħetli moħħi u kienet iddominata mill-proża ta' Trevor, bdejt insir naf lil dan l-awtur ftit tas-snin ilu, preċiżament fl-2008. Dan għaliex kont qed nagħmel l-ewwel teżi tiegħi li titkellem dwar il-politika tas-snin tmenin u ma stajtx fiha ma ninkludix il-kitbiet ta'  Trevor. 'It-8 Kontinent' huwa kollu ironija u kritika qawwija kontra l-politika ta' dak iż-żmien. L-istess il-ktejjeb 'Trid Kukkanja Ħamra f'Ġieħ il-Biża'' li s-sarkażmu li fih mhux qiegħed hemm biex idaħħkek imma biex inissel kuxjenza fil-qarrejja. Biss l-iktar ktieb li ktibt fuqu fit-teżi tiegħi huwa 'Qrempuċu f'Belt il-Ġobon' u nistqarr li qatt ma kont nintebaħ li huwa kollu parodija politika li kieku ma' qrajtx l-awtobijografija tal-awtur imsemmi 'Il-Ġenn li Jżommni f'Sikti'. Qrempuċu huwa wieħed mill-karattri tal-kotba tat-tfal 'Ħrejjef minn Wied Pepprina' u f'dan ir-rumanz huwa dan il-ġurdien griż il-protagonista assolut. Kif taqrah taħsbu ktieb tat-tfal u jnissillek tbissima kif ukoll tinduna bil-parodija li fih dwar l-Assedju l-Kbir u Qrempuċu f'mument minnhom jagħmel bħal-leġġendarju Toni Bajada jinżebagħ iswed u jgħaddi minn qalb il-firien. Biss meta tiskavah dan il-ktieb ma jibqax tat-tfal anzi jieħu xejra serja u intrigat. Taħt il-parodija tal-Assedju hemm parodija oħra aktar fina imma iżjed qawwija għax hija parodija tas-sitwazzjoni politika tat-tmeninijiet. L-anagrammi tal-ġrieden il-bojod huma ismijiet tal-eks-ministri Laburisti bil-Gran Ġurdien mhu ħadd għajr il-Perit Duminku Mintoff. Fost il-ħafna affarijiet li wieħed jinduna bihom ġaladarba jintebaħ b'dan kollu isib il-problema tan-nuqqas tal-ilma li f'dik l-epoka kienet komuni ħafna.

Bla dubju l-iktar ktieb ta' Żahra għal qalbi huwa 'Is-Seba' Tronġiet Mewwija'. Fl-opinjoni tiegħi dan huwa wieħed mill-iktar kotba ta' livell għoli li għandna fil-letteratura Maltija. L-istil, il-mod, l-intertestwalità u l-ingredjenti kollha li huwa msawwar bih dan il-ktieb jagħmluh kapulavur. Żahra f'dan ir-rumanz jitkellem fuq l-iżvilupp tal-letteratura Maltija, imma ma jgħidx dan b'mod akkademiku imma jwassal dan kollu permezz tal-karattri. Apparti li joħloq karattri apposta għas-'Seba' Tronġiet Mewwija' huwa juża' wkoll karattri li ħoloq huwa stess bħal Kunċett u Marinton u oħrajn. Mhux biss isemmi l-karattri imma ġieli jkompli jevolvi l-istorja bħal ngħidu aħna nsiru nafu ftit iktar fuq il-karattri ta' 'Meta Jaqa' ċ-Ċpar'. Interessanti l-fatt huwa l-ħbiberija li tinbet bejn Barbanġ il-qattus u Ġira l-kelba, kif Barbanġ iservi bħala għajnejn

Toninu u kif jikkaratterizza l-irjieħat. Min hu midħla tal-letteratura Maltija allura faċilment jintebaħ b'karattri oħra bħal ngħidu aħna s-Seqer ta' 'Anġli tan-Niket' u Salvalsi li hija anagramma ta' Mikiel Anton Vassalli li ħafna jqisuh bħala missier l-ilsien Malti.

Biex tikteb fuq Trevor Żahra trid iktar minn teżi waħda allura f'dan id-daqsxejn ta' esej ma tistax tigglorifikah kif jistħoqqlu. Ma' dawk il-kotba li semmejt hemm ħafna iktar ewlenin fosthom, huma 'Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa', 'Sepja', 'Penumbra', 'Sfidi', 'Sħab', 'Vespri' 'Minċott Ħajt Iswed' u 'Bizzilla.' Żahra mess il-ġeneri kollha tal-letteratura billi għandu kotba għal kull età, apparti wkoll li kiteb il-poeżiji kif ukoll xi drammi bl-iktar wieħed popolari huwa 'Minn Wara ż-Żipp'. Il-kapaċità fil-pinna tiegħu kompliet tikber bil-kliem li kiteb għall-Oratorju dwar Santa Katerina 'Dawl Fuq is-Sinaj'. Dan ir-repertorju kollu jagħmlu lil Trevor Żahra bħala wieħed mill-aqwa awturi Maltin ta' kull żmien.

Wara dan kollu li ktibt irrid ngħid li għandi rimors, piena waħda u forsi b'dan li ktibt, din ix-xewqa tiġi milqugħa. Għaliex lil dan il-wild għadna ma tajniehx Ġieħ iż-Żejtun? Hemm protokoll?  Qaluli li għax ħa Ġieħ ir-Repubblika ma jistax jieħu dan l-unur. Nispera li dan li smajt huwa kollu falz għax ma jistax ikun li persuna tkun irrikonoxxuta fuq livell Nazzjonali u f'raħal twelidha tibqa' l-art.